MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 997/2004

Brian **MALLIA**

vs

Alison **CAMILLERI** u Clayton Said

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Diċembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jew min minnhom jaħtu bit-traskuraġni, nuqqas ta' ħila u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan, għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Ġunju, 2003, fi Triq Bisazza, Sliema, meta waqt li kien riekeb rota ntlaqat mill-vettura tal-għamla *Austin Mini* reġistrata BBF-887 misjuqa mill-imħarrek Clayton Said wara li kellu jikser biex jevita li jintlaqat minn bieba tal-vettura tal-għamla *Fiat Uno* reġistrata BAP-186 li nfetħet

fuqu għall-għarrieda mill-imħarrka Alison Camilleri li kienet qiegħda ssuqha, u f'liema inċident huwa ġarrab ġrieħi li ma jfiqux; (b) tillikwida d-danni mġarrba minnu f'dak l-inċident; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuh is-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Jannar, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrka Alison Camilleri fis-26 ta' Jannar, 2005, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet tal-attur kontriha ma jmisshomx jintlaqgħu għax huma għal kollox bla bażi fil-fatt u d-dritt billi dak li ġara ma kienx minħabba n-negliġenza jew it-traskuraġni tagħha, iżda minħabba ċirkostanzi għal kollox lil hinn mir-rieda tagħha. Ċaħdet li l-attur tassew ġarrab ġrieħi li ma jfiqux fl-imsemmi inċident u li, f'kull każ, id-danni li huwa jippretendi huma eżaġerati u ma jirriflettux id-danni li sata' tassew ġarrab f'inċident bħal dak;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Clayton Said fl-10 ta' Marzu, 2005, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li għall-inċident kien jaħti l-attur innifsu billi kien qed isuq ir-rota b'mod sperikolat jew kienet taħti l-imħarrka l-oħra Camilleri li ma qagħditx attenta qabel qabdet u fetħet il-bieba tal-karozza li kienet riekba fiha. Minħabba f'hekk żied jgħid li ma kellux ħin jilħaq jevita li jaħbat mar-rota misjuqa mill-attur. Temm jgħid li, filwaqt li l-attur irid jipprova d-danni li ġarrab, huwa jikkontesta li l-attur sata' ġarrab il-ġrieħi li jippretendi li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2005, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista ta' Kawżi Qabel is-Smigħ (*pre trial*) u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dik il-fażi tal-kawża;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju u l-provi mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2008[1], li bih ħatret lill-kirurgu Frederick Żammit Maempel bħala perit mediku biex jeżamina lill-attur u biex jgħid jekk dan ibatix minn xi debilita' li ma tgħaddix u, f'dak il-każ, f'liema perċentwali, liema degriet tħassar *contrario imperio* b'ieħor tat-12 ta' Marzu, 2008, fuq talba tal-avukat difensur tal-attur waqt is-smigħ ta' dak inhar u għar-raġuni hemmhekk minnu msemmija;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2008[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2008[3], li bih u fuq dikjarazzjoni magħmula mill-partijiet kollha f'Nota waħda mressqa minnhom fit-28 ta' Mejju, 2008, ħatret lill-konsulent mediku Massimo Abela bħala periut mediku sostitut;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit mediku msemmi fis-27 ta' Novembru, 2008[4], u minnu maħlufa f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati fis-16 ta' Frar, 2009;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-imħarrak Clayton Said (reġistrata u traskritta[5]);

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2009[6], li bih tat lill-partijiet l-oħrajn żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-12 ta' Awissu, 2009[7];

---
[1] Paġ. 151A tal-proċess
[2] Paġġ. 170 – 1 tal-proċess
[3] Paġ. 179 tal-proċess
[4] Paġġ. 184 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 188A – 188B tal-proċess
[6] Paġ. 188 tal-proċess
[7] Paġġ. 189 sa 194 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka Alison Camilleri fis-7 ta’ Ottubru, 2009[8], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħdud ir-rikors tal-attur tal-1 ta’ Frar, 2012;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni wara li l-attur intlaqat minn karozza waqt li kien riekeb rota. L-attur kien qed isuq rota matul ma’ ġenb ta’ triq meta bieba ta’ karozza li kienet ipparkjat nfetħet fuqu u, biex jevitaha, ħareġ fuq barra u ntlaqat minn karozza li kienet ġejja minn warajh. Jgħid li bid-daqqa li qala’ ġarrab ġrieħi li ma jfiqux u jippretendi li l-imħarrkin jaħtu għal dak li ġralu u jrid li jingħata ħlas b’kumpens għal daqshekk. Billi l-imħarrkin baqgħu jtennu li ma kenux jaħtu għal dak li ġralu u naqsu li jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnu, fetaħ din il-kawża;

Illi l-imħarrka Alison Camilleri tisħaq li hi bl-ebda mod ma taħti għal dak li ġara, għaliex dak li ġara ma kienx minħabba n-negliġenza jew it-traskuraġni tagħha, iżda minħabba ċirkostanzi għal kollox lil hinn mir-rieda tagħha. Ċaħdet li l-attur tassew ġarrab ġrieħi li ma jfiqux fl-imsemmi inċident u li, f’kull każ, id-danni li huwa jippretendi huma eżaġerati u ma jirriflettux id-danni li sata’ tassew ġarrab f’inċident bħal dak;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Clayton Said jiċħad li hu b’xi mod jaħti għal dak li ġara billi qal li għall-inċident kien jaħti l-attur innifsu billi kien qed isuq ir-rota b’mod sperikolat jew kienet taħti l-imħarrka l-oħra Camilleri li ma qagħditx attenta qabel qabdet u fetħet il-bieba tal-karozza li kienet riekba fiha. Minħabba f’hekk żied jgħid li ma

[8] Paġġ. 196 sa 204 tal-proċess

kellux ħin jilħaq jevita li jaħbat mar-rota misjuqa mill-attur. Temm jgħid li, filwaqt li l-attur irid jipprova d-danni li ġarrab, huwa jikkontesta li l-attur sata' ġarrab il-ġrieħi li jippretendi li ġarrab;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar tat-12 ta' Ġunju, 2003[9], l-attur kien riekeb rota nieżel tul Triq Bisazza, Tas-Sliema, sejjer lejn id-dar tiegħu li tinsab fi Triq Viani. Kien fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu mix-xogħol[10]. Dak iż-żmien, Triq Bisazza kienet miftuħa għat-traffiku li jinżel f'direzzjoni waħda ("*one way*") b'serbut karozzi ipparkjati fuq in-naħa tax-xellug fid-direzzjoni lejn fejn kien jinsaq it-traffiku. It-triq, f'dik il-parti fejn seħħ l-inċident, hija għan-niżla u dak iż-żmien kienet asfaltata tajjeb. L-inċident seħħ fid-dawl tax-xemx u t-triq ma kenitx imxarrba jew biż-żlieq;

Illi dak inhar tal-inċident, l-attur kellu wieħed u tletin (31) sena u kien jaħdem bħala kok fi stabiliment f'San Ġiljan[11]. Huwa jinqeda l-aktar bid-driegħ lemini fix-xogħol tiegħu;

Illi, hekk kif kien nieżel matul l-imsemmija triq, il-bieba ta' karozza li kienet wieqfa fil-ġenb infetħet għall-għarrieda u laqtet it-rota li kien riekeb fuqha. Tilef il-bilanċ u nqaleb 'il barra u, hekk kif kien maqlub, intlaqat minn karozza li kienet nieżla warajh fl-istess triq. L-imħarrka Alison Camilleri kienet qiegħda ssuq il-karozza li l-bieba tagħha laqtet lir-rota tal-attur, filwaqt li l-imħarrek Clayton Said kien qed isuq dik li laqtet lill-attur malli nqaleb. Dak il-ħin kien nieżel traffiku bil-mod il-mod f'serbut kontinwu tul it-triq[12];

Illi, mad-daqqa li ħa, l-attur ġarrab ksur tal-għadma ta' minkbu l-lemini f'ħafna bċejjeċ żgħar ("*comminuted fracture*") u driegħu ddendel billi l-għadma ħarġet 'il barra mill-ġilda. Ittieħed l-isptar aktar tard dak inhar. Saritlu operazzjoni fuq driegħu l-għada fl-isptar;

---

[9] Dok "RE", f'paġġ. 35 – 8 tal-proċess
[10] Affidavit tiegħu Dok "BM", f'paġ. 25 tal-proċess
[1111] Dokti "BM3" u "CV", f'paġġ. 31 u 82 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Dorianne Calleja 15.1.2008, f'paġ. 165 tal-proċess

Illi l-attur dam madwar xahar u nofs ma jidħolx għax-xogħol. Huwa kellem konsulent mediku biex jeġa' jarah għall-ħabta ta' Novembru tal-2003 u dan sab li l-attur kien għadu jbati mill-effetti tad-daqqa u tal-waqgħa[13]. L-attur għadu fl-impieg li kellu qabel u, matul is-smigħ tal-kawża, ngħata promozzjoni fil-grad ta' assistent kap *chef* fl-istess stabiliment[14];

Illi l-kawża nfetħet f'Diċembru tal-2004;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ l-Qorti tibda biex tirrileva li d-**dinamika tal-ħabta** ma jidhirx li tippreżenta stampa kumplikata. L-imħarrka Camilleri kienet qiegħda ssuq il-karozza tagħha u seħħilha ssib post fejn tipparkja. Daħlet fil-post li sabet u waqqfet il-karozza. Dak il-ħin, tul Triq Bisazza kien nieżel serbut karozzi, fosthom dik misjuqa mill-imħarrek Said. L-attur kien qed isuq ir-rota bejn il-karozzi li kienu ipparkjati fuq ix-xellug tiegħu u s-serbut ta' karozzi mexjin fl-istess direzzjoni direzzjoni li kien sejjer fiha hu. Kif qorob għall-karozza li fiha kien hemm l-imħarrka Camilleri (u passiġġiera ħabiba tagħha), din fetħet il-bieba ta' quddiem tan-naħa tas-sewwieq, u l-attur ħabat bir-rota tiegħu mal-bieba u nqaleb u ġie fuq il-*mudguard* ta' quddiem tal-karozza misjuqa mill-imħarrek Said;

Illi, madankollu, fil-każ tal-lum, bħalma bosta drabi jiġri f'inċidenti bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet imdaħħlin fil-każ ikunu x'aktarx ma jaqblux ma' ta' xulxin, u miżjuda b'doża qawwija ta' interpretazzjoni suġġettiva ta' dak li jkun seħħ tassew;

Illi filwaqt li l-attur jisħaq li hu kien qed nieżel fuq ir-rota b'ħeffa normali l-ħin kollu fuq in-naħa tiegħu[15], l-imħarrka Camilleri tgħid li kienet ħarset fil-mera tagħha qabel fetħet il-bieba u li, safejn kienet tagħtiha l-vista, ma kienet rat lil ħadd ġej lejn il-karozza tagħha[16]. Il-Pulizija li kien mar fuq il-post dak inhar li seħħ l-inċident u li kien kellem liż-żewġ imħarrkin fuq il-post qal li Camilleri kienet qaltlu li lill-attur

[13] Dok "RG", f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Conrad Vella 21.11.2006, f'paġ. 96 tal-proċess
[15] Affidavit tiegħu 10.5.2005, f'paġ. 25 – 6 tal-proċess
[16] Affidavit tagħha 28.2.2007 f'paġ. 101 tal-proċess

kienet ratu ġej nieżel isuq b'veloċita' għolja[17]. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Said jgħid li sakemm l-attur stabat mal-*mudguard* tal-karozza misjuqa minnu ma kienx għadu rah[18] u, aktar tard, żied jgħid ukoll li l-attur tar fuq il-karozza minn warajh (jiġifieri kien 'il quddiem minnu meta nfetħet il-bieba tal-karozza ta' Camilleri)[19]. L-imħarrk Camilleri tisħaq ukoll il-fatt li l-iskizz li sar mill-uffiċjal tal-Pulizja ma jurix sewwa fejn waqfet il-karozza tal-imħarrek Said malli laqtet lill-attur, għaliex tgħid li l-karozza kellha tiċċaqlaq minn fejn waqfet minħabba xi vetturi kbar li riedu jgħaddu mit-triq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali li saru, wieħed jipprova jwettaq apprezzament xieraq tal-verżjonijiet tal-partijiet li minnu wieħed jimxi għall-kwestjoni tad-determinazzjoni tal-ħtija ta' dak li seħħ;

Illi għar-rigward tal-**kwestjoni tal-apprezzament tal-provi**, huwa prinċipju stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti triq tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[20]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[21];

---

[17] Xhieda ta' PS R Everest 29.9.2005, f'paġ. 47 tal-proċess
[18] Affidavit tiegħu 4.10.2005, f'paġ. 98 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu 2.3.2007, f'paġ. 106 tal-proċess
[20] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***
[21] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti jidhrilha li għandha provi u elementi biżżejjed biex tagħraf tislet xejra ta' ġrajjiet li m'għandhomx ifixkluha milli tasal għall-fehma tagħha;

Illi meta wieħed iqis dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li għal dak li jirrigwarda **min kien jaħti għall-inċident** din (jiġifieri lil hinn mill-interpretazzjoni nnifisha mogħtija mill-partijiet) turi li l-ħtija waħdanija ta' dak li ġara kienet tal-imħarrka Camilleri. Hemm għadd ta' fatturi li juru li dak li ġralu l-attur kien minħabba li hija naqset milli tħares il-ħtiġijiet elementari mistennija minn kull min ikun qiegħed fil-kontroll ta' karozza[22], l-aktar dak li jkun jaf dak kollu li jkun qed jiġri madwaru[23];

Illi għalkemm l-istess imħarrka f'xi waqt qalet li l-attur kien nieżel isuq b'ħeffa, aktar 'il quddiem stqarret li, minkejja li ittawlet fil-mera tal-ġenb tagħha, ma ratux ġej. Dan ixejjen għal kollox l-ewwel allegazzjoni li hija għamlet mal-uffiċjal tal-Pulizija dak il-ħin ta' wara l-inċident. Hija tressaq ukoll l-argument li, minn fejn kienet waqfet bil-karozza tagħha u ipparkjat, ma kenitx tista' tara wisq 'il bogħod lura minħabba li f'dik il-parti t-triq fiha liwja. Fit-tielet lok, l-imħarrka tressaq id-difiża li dak li seħħ kien lil hinn mir-rieda jew mill-kontroll tagħha. Issa huwa magħruf li biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[24]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[25]. Fuq kollox, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence*

[22] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Charles Sciberras***
[23] P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenzuli*** [Ċit. 427/97] u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Stefan*** *Bonello vs Carmelo Abela* [Ċit. 1246/92]
[24] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[25] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)

*or intention on his part*"[26]. Għaldaqstant, id-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[27], minbarra li difiża bħal din tqiegħed il-piż tal-prova tagħha fuq l-istess eċċipjent. Fir-raba' lok, mill-provi ħareġ[28] li, waqt li kienet fil-proċess li tiftaħ il-bieba biex toħroġ, l-imħarrka kienet titkellem ma' ħabibtha li kienet għadha wkoll ġol-karozza u dan tabilfors tellef milli l-istess imħarrka tkun taf sewwa x'inhu għaddej barra. Fil-ħames lok, ir-regoli li jissemmew dwar min ikun qed isuq ma jgħoddux anqas għar-raġuni biss li l-karozza tkun ipparkjata, għaliex fuq is-sewwieq ta' karozza ipparkjata jaqgħu dmirijiet partikolari dwar it-traffiku li jkun miexi fil-qrib, kemm jekk ikun ħiereġ bil-karozza (għal fuq il-karreġġata) u kif ukoll jekk ikun ħiereġ minnha;

Illi, min-naħa l-oħra, ma jistax jingħad li l-imħarrek Said kien b'xi mod responsabbli għal dak li ġralu l-attur. L-attur "tar" għal fuq il-*mudguard* tal-karozza misjuqa minnu wara li ħakk żbrixx mal-karozza tal-imħarrka l-oħra u tilef il-bilanċ. Ma ntweriex li l-attur intlaqat jew ittajjar mil-karozza misjuqa mill-imħarrek; lanqas jidher li l-imħarrek laqat jew tajjar ir-rota li fuqha kien riekeb l-attur. Fit-tieni lok, minħabba li ntwera li dak il-ħin kien nieżel serbut ta' karozzi fi Triq Bisazza, ma kienx il-każ li l-imħarrek Said kien qed isuq b'mod traskurat jew li kien tilef il-kontroll tal-karozza tiegħu. Fit-tielet lok, ma hemm l-ebda ħjiel ta' prova oħra fl-atti li tista' twassal biex il-Qorti ssib xi ħtija fl-imħarrek Said;

Illi dwar jekk l-attur ikkontribwiex ukoll għal dak li ġralu, l-Qorti ssib li (tneħħi l-allegazzjoni magħmula mill-imħarrka Camilleri fid-dagħdigħa tal-inċident dwar sewqan b'ħeffa, li, kif rajna, ma hix ta' min joqgħod fuqha) ma ntweriex li hu kien qiegħed isuq b'mod traskurat jew bla kont; ma ntweriex li hu kien qiegħed f'xi parti jew naħa tat-triq li fiha ma kellux ikun; ma ntweriex li huwa kien aljenat jew qed iħares band'oħra ħlief quddiemu u fid-direzzjoni li fiha kien sejjer; u lanqas ma ntwera li hu kien ra jew sata' jobsor li l-

---

[26] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509

[27] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)

[28] Ara x-xhieda ta' Dorianne Calleja 15.1.2008 f'paġġ. 158, 159 u 163 tal-proċess

bieba tal-karozza misjuqa mill-imħarrka Camilleri kienet qiegħda sew sejra tinfetaħ fuqu ħabta u sabta u tiżbilanċjah. Kieku wieħed kellu japplika dak li ngħad aktar qabel dwar id-difiża tal-ġrajja għall-għarrieda ("*sudden emergency*") wieħed kien jista' jgħid li din tgħodd għall-attur[29]. L-imħarrka Camilleri tgħid[30] li l-attur naqas li jħares dak li jitlob il-Kodiċi tat-Traffiku meta ma żammx bogħod biżżejjed mis-serbut tal-karozzi ipparkjati fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Mill-provi li ħarġu jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq bejn is-serbut tal-karozzi li kienu wieqfa fuq il-ġenb xellugi tiegħu (fosthom il-karozza tal-imħarrka Camilleri) u s-serbut li kien nieżel jinsaq bil-mod matul Triq Bisaza. Skond l-imħarrek Said kien hemm kurridur ta' wisgħa ta' ftit aktar minn metru u nofs[31]. Wisgħa bħal dan ma jagħtix lil ċiklist għażla kbira fejn jimmanuvra. Ma ntweriex lanqas li l-attur laqat jew intlaqat mill-bieba tal-karozza tal-imħarrka għaliex kien nieżel iħaxken magħha, iżda għaliex u meta l-istess bieba nfetħet. Din kienet il-manuvra li ħabbtet (ukoll jekk bilkemm) il-bieba tal-karozza mar-rota misjuqa mill-attur u żbilanċjatha. Din kienet il-kawża immedjata tal-inċident;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-attur ma kellu l-ebda ħtija f'dak li ġara;

Illi, minħabba f'din il-fehma, l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi, iżda biss fir-rigward tal-imħarrka Alison Camilleri u ssib li ma għandhiex tilqagħha fil-konfront tal-imħarrek Clayton Said;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni mitluba** mill-atturi u li l-imħarrka Camilleri trid jagħmel tajjeb għalihom. L-attur qiegħed jitlob biss danni għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni **(*lucrum cessans*)**, marbuta mal-korriment li ġarrab u li jgħid li ħallielu effetti li ma jgħaddux. F'każijiet bħal dawn li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn li jara li debilita' bħal din ma tkunx inħolqot minn xi okkażjoni li seħħet wara l-inċident jew li ma jkun ikollha xejn x'taqsam

[29] Ara P.A. GV **30.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea pro et noe vs Dominic Żammit*** (mhix appellata)
[30] Paġġ. 197 – 8 tal-proċess
[31] Xhieda tal-imħarrek Said 2.3.2007, f'paġ. 110 tal-proċess

miegħu. Wieħed irid joqgħod attent ukoll li min jilmenta minn ġrieħi fejn jipprevali s-sens ta' wġigħ, ma jkunx qiegħed jagħti lok għal dak li jissejjaħ "*compensation syndrome*", li ma tagħtix lok għal ġustifikazzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni[32]. Il-Qorti qieset b'reqqa l-provi mressqin mill-attur dwar dan u jidhrilha li hemm nisġa kontinwa bejn iċ-ċirkostanza tad-daqqa li qala' mal-bieba tal-karozza tal-imħarrka Camilleri u dak li baqa' jħoss wara li ħabat mal-karozza misjuqa mill-imħarrek Said u d-debilita' li irriżultat direttament minn dik id-daqqa. Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li dik id-debilita' seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha li l-ebda traskuraġni min-naħa tal-attur ma ikkontribwiet għaliha;

Illi, fid-dawl ta' dawn is-sejbiet u wara li qieset is-sottomissjonijiet kemm tal-attur u kif ukoll tal-imħarrka Camilleri (billi dawk tal-imħarrek Said kienu marbuta biss mal-aspett tar-responsabbilta'), il-Qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuq is-sejba tal-espert maħtur minnha. Minkejja l-istedina tal-attur li l-Qorti tagħżel il-"medja" bejn il-grad ta' debilita' milħuq mill-konsulent *ex parte* mqabbad (5%) minnu u l-grad determinat mill-perit mediku maħtur minnha (3%), hija ssib li mill-mod kif l-istess perit mediku sejjes il-fehma tiegħu li d-debilita' tagħti "possibilta żgħira li fil-futur jiżviluppa infezzjoni jew artrite fil-minkeb"[33] (u li fuqha bena l-imsemmija perċentwali) ma jkunx għaqli li l-perċentwali jitgħolla b'aktar minn dak stabilit. Mill-bqija, ma hemmx dubju li bil-ħabta l-attur ġarrab debilita' parzjali li ma tgħaddix u li din fil-perċentwali tat-tlieta fil-mija (3%) tan-normal;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens għat-telf fil-ġejjieni, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi qegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the*

---

[32] App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***
[33] Relazzjoni peritali f'paġ. 186 tal-proċess

*number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[34];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[35], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[36], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[37], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[38], bil-ħsieb li kemm jista' jkun titħaddem ċerta uniformita' f'dan ir-rigward[39];

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur kellu wieħed u tletin (31) sena meta seħħ l-inċident u, wkoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'il fuq u b'qies ta' dawk li komunement jissejħu ċ-*chances and changes* tal-ħajja, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' ħamsa u għoxrin (25) bħala applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi fid-dawl tal-każ tal-lum u ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx li l-Qorti għandha ċċaħħad lill-attur mill-kumpens għar-raġuni li huwa ma tilifx l-impieg tiegħu bis-

---

34 Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122
35 App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
36 App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
37 Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***
38 P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited ;u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***
39 Ara, per eżempju, P.A. LFS **11.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ronnie Paċe vs George Camilleri*** (mhix appellata)

saħħa tal-inċident jew li saħansitra tjieb id-dħul tiegħu bis-saħħa ta' promozzjoni li ngħata matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża[40] u dan għaliex il-liġi ma tagħtix kumpens sempliċement minħabba l-nkapaċita' li ġġarrab il-parti danneġġata, iżda wkoll minħabba t-telf ta' opportunitajiet li dik id-debilita' tkun ġabet magħha[41];

Illi ntwera mill-provi[42] li d-dħul tal-attur mix-xogħol tiegħu fl-aħħar sentejn qabel seħħ l-inċident kien jaqla' paga netta ta' bejn wieħed u ieħor ħdax-il elf u ħames mitt ewro (€ 11,500) f'kull sena (magħduda s-sahra) jew mitejn u wieħed u għoxrin ewro (€ 221) fil-ġimgħa meta l-paga minima kienet ta' mija u ħamsa u għoxrin ewro u wieed u ħamsin ċenteżmi (€ 125.51)[43]. Fid-dawl tal-*multiplier* li se' jkun imħaddem u fid-dawl taż-żidiet fil-paga li l-attur mistenni li jkollu, l-Qorti sejra tuża multiplikand ta' erbatax-il elf u mitt ewro (€ 14,100) fis-sena netti għall-kalkolu tat-telf tal-qligħ għall-ġejjieni;

Illi minħabba li s-sentenza qiegħda tingħata ftit anqas minn disa' snin wara li ġara l-inċident, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tnaqqas mis-somma likwidata kif is-soltu jsir meta tkun sejra tingħata somma ta' kumpens f'daqqa;

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis li d-danni li ġarrab l-attur bħala *lucrum cessans* jitilgħu għal għaxart elef ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€ 10,575) [(€ 14,100 x 0.03[44] x 25[45]];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** safejn issib li l-imħarrka Alison Camilleri waħedha kienet taħti għall-inċident li ġara fi Triq Bisazza, Sliema, nhar it-12 ta' Ġunju, 2003, li fih l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux meta, waqt li kien riekeb rota,

---

[40] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[41] P.A. NC **8.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance Co Ltd vs Stuart Psaila*** (mhix appellata)
[42] Dokti "ZL" u "CV2", f'paġġ. 68 u 89 tal-proċess
[43] A.L. 126 tal-1992 kif emendat (L.S. 452.71)
[44] Jiġifieri it-3% grad ta' debilita' stabilit mill-perit mediku
[45] Il-*multiplier* applikat għall-każ

ntlaqat mill-bieba tal-karozza tal-għamla *Fiat Uno* reġistrata BAP-186 misjuq mill-imsemmija mħarrka u ħabat mal-karozza tal-għamla *Austin Mini* reġistrata BBF-887 misjuqa mill-imħarrek l-ieħor Clayton Said;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** safejn din titlob is-sejbien tal-ħtija tal-imħarrek Clayton Said fl-istess inċident, billi ma tirriżultax mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara u d-dannu mġarrbin mill-attur fis-somma ta' għaxart elef ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€ 10,575) li l-imħarrka Alison Camilleri trid tagħmel tajjeb għaliha kollha;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrka Alison Camilleri tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€ 10,575), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrka Alison Camilleri tħallas l-**ispejjeż tal-kawża,** ħlief dawk tal-imħarrek Clayton Said, li jrid iħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------